MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1050/1998/1

**“A” mart “B” awtorizzata sabiex tipprocedi permezz tad-digriet numru 493/98 tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili.**

**vs.**

**“B”.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta’ Mejju 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ Settembru tal-1996;

Illi mill-imsemmi zwieg il-partijiet m’ghandhom ebda wlied.

Illi wkoll il-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba minaccji, sevizzi, eccessi, ngurji gravi u swat da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabbilment;

Illi wkoll l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz tad-digriet numru 793/98 tat-23 ta' April 1998; (kopja hawn annessa Dokument 'A') u dan sabiex hija tkun tista' tipprocedi bl-odjerna kawza;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *'a menso et thoro'*, bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut u senjatament minhabba minacci, sevizzi, eccessi u ingurji gravi *da parti* tieghu u peress illi z-zwieg tkisser irremidjabbilment *in subsidium*;

2. Tikkundanna lill-konvenut jissoministra lill-attrici ghalija dik ir-retta alimentarja li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsimha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-**artikoli 48 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, bin-nomina okkorendo ta' periti nominandi biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u okkorendo ta' nutar biex jircievi l-att oppurtun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

4. Tikkundannah jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perenjtorju li jigi prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-atrrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 7 tal-process;

Rat id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 23 ta’ April 1998 moghti mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri fuq rikors ta’ l-attrici datat 16 ta’ Frar 1998 esebit bhala Dok. “A” mac-citazzjoni attrici fejn hija giet awtorizzata tipprocedi b’kawza ta’ separazzjoni *ad hoc.*

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat-2 ta’ Marzu 1999, fejn il-kawza giet appuntata ghall-14 ta’ Mejju 1999.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta’ April 1999 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi kwantu jirrigwarda l-ewwel talba attrici, mhux minnu illi z-zwieg tkisser minhabba tortijiet attribwibbli unikament u senjatement minhabba minaccji, sevizzi, eccessi u ingurji da parti tal-konvenut u ghaldaqstant l-attrici ghandha tipprova l-istess;

2. Illi kwantu t-tieni talba l-konvenut ma ghandux jigi obbligat jissoministra xi retta alimentarja favur l-attrici *stante* illi din ghadha ta’ eta` zghira u tinsab presentament impjegata;

3. Illi kwantu t-tielet talba attrici din wkoll ghandha tigi michuda *stante* illi kienet l-attrici, arbitrarjament u kapricosament li abbandunat id-dar konjugali u ghadha tippersisti li ma tirritornax minkejja d-diversi talbiet da parti tal-konvenut, sew personalment u anke permezz ta’ terzi;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’kaz ta divizzjoni tal-komunita` tal-akkwisti, din ma ghandhiex tigi diviza f’porzjonijiet ugwali *stante* illi kif jigi pruvat f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-maggior parti tal-mobbli jappertjenu esklussivament lil konvenut filwaqt li l-

immobbli kienet giet akkwistata mill-kontendenti fi kwoti inugwali bl-akbar parti tappertjeni lill-konvenut;

5. Illi kwantu r-raba’ talba attrici, hija ghandha tforni aktar dettalji *stante* illi mhux minnu illi, formanti l-komunjoni tal-akkwisti, kien hemm xi flus parafernali apparentament lil istess attrici u li ghar-rigward tal-beni l-ohra mobbli parafernali, sa fejn il-konvenut jinsab ghall-kurrent, dawn l-attrici hadithom kollha.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Mejju 1999 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo a fol 15 tal-process fejn gie informat li kien hemm possibbilta` ta’ separazzjoni konsenswali u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-25 ta’ Ottubru 1999.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Ottubru 1999 tal-Qorti kif hekk diversament presjeduta a fol 16 tal-process fejn Dr. George Cutajar ghall-attrici informa lill-Qorti li l-partijiet ma lahqux ftehim. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi u l-kawza giet differita ghat-22 ta‘ Marzu 2000.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-Assistent Gudizzjarju tas-16 ta’ Frar 2000 a fol. 17 tal-process fejn ma sar xejn.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Marzu 2000 tal-Qorti kif hekk diversament presjeduta fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru u l-kawza giet differita ghat-12 ta’ Gunju 2000.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-Assistent Gudizzjarju ta’ l-4 ta’ April 2000 a fol 19 tal-process fejn ma sar xejn.

Rat il-verbali tas-seduta ta’ l-Assistent Gudizzjarju tal-31 ta’ Mejju 2000 fejn xehdet l-**attrici “A”** a fol 21 sa 23 tal-process; u tal-11 ta’ Lulju 2000 fejn is-seduta giet uzata biex tigi diskussa separazzjoni bonarja.

Rat il-verbali tas-7 ta’ Novembru 2000 tal-Qorti kif hekk diversament presjeduta a fol 26 tal-process fejn ma deher hadd, izda l-Qorti kienet informata li minkejja li kien hemm possibbilta` ta’ separazzjoni konsenswali hemm seduta ohra ffissata. Il-kawza giet differtita ghall-20 ta’ Frar 2001; u dik tal-20 ta’ Frar 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghal aktar informazzjoni ghad-19 ta’ Settembru 2001.

Rat il-verbali tas-seduta ta’ l-Assistent Gudizzjarju tal-15 ta’ Frar 2001 a fol 28 tal-process; u tat-2 ta’ Marzu 2001 fejn kompliet tixhed bil-gurament l-**attrici “A”** u fejn gew prezentati dokumenti *seduta stante* a fol 32 sa 39 tal-process; u tal-25 ta’ April 2001 a fol 46 fejn **xehdet l-attrici “A”** u pprezentat dokumenti *seduta stante.*

Rat id-Dokment “AB 1” konsistenti f’att pubbliku datat 24 ta’ Lulju 1992 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela fejn il-kontendenti akkwistaw il-mezzannin bl-arja tieghu, fi “XYZ” u dan *verso* l-prezz hemm isemmi ta’ Lm10,500. Fl-istess kuntratt hemm indikat li ghall-kull lira li harget l-attrici l-konvenut hareg Lm1.93,03 u ftehmu li mid-data tal-kuntratt ‘il quddiem l-ispejjez jithallsu minnhom bin-nofs u dan skond dak li jirrizulta fl-istess kuntratt a fol. 32 sa fol. 34 tal-process.

Rat id-Dokument “AB 2” stima ta’ l-istess fond mill-Perit Tekniku Frederick Doublet kollox a fol. 35 sa fol. 39 tal-process fejn l-istima ta’ l-istess fond hija ndikata f’dik id-data ta’ Lm31,500.

Rat id-Dokumenti “AB 3” sa Dok. “AB 6’ minn fol. 40 sa fol. 45 tal-process.

Rat il-verbal tas-19 ta’ Settembru 2001 tal-Qorti kif diversament presjeduta fejn ma deher hadd pero` il-Qorti giet informata li qed jingabru l-provi. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Jannar 2002.

Rat il-verbali tas-seduta ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea tal-11 ta’ Dicembru 2001 a fol 52 tal-

process fejn xehdet l-attrici **"A".** Dr. Lorraine Schembri Orland iddikjarat li qed tassumi l-patrocinju ta' l-attrici.

Rat il-verbal tad-9 ta' Jannar 2002 mill-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbal  tas-26 ta' Marzu 2002 a fol 54 tal-process fejn b'ordni tal-Qorti kif kienet presjeduta din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-12 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduta ta' l-Assistent Gudizzjarju tal-5 ta' Gunju 2002 a fol-58 sa 60 tal-process fejn **xehdet "C"** ingunta mill-attrici u pprezentat ukoll *seduta stante* Dok 'AM1' konsistenti f'rapport lill-Pulizija maghmul mill-attrici datat 10 ta' Frar 1998 (fol 61).

Rat il-verbali tat-12 ta' Gunju 2002 u tal-14 ta' Gunju 2002 a fol 63 tal-process, fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha attrici wara t-terminu tal-affidavits li inghata fid-digriet ghall-affidavits moghti dak in-nhar, u wara tali seduta ghandhom jigu iffissati seduti ohra ghall-provi tal-konvenut. Inghata digriet tal-affidavit ghall-attrici ghall-erbghin (40) jum u l-kawza giet differita ghall-21 ta' Jannar 2003 biex l-Assistent Gudizzjarju tesplita l-inkarigu taghha.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 10 ta' Ottubru 2002 a fol 67 tal-process li biha esebiet l-**affidavit ta' missierha "D"** datat 4 ta' Ottubru 2002.

Rat in-nota ta' l-**attrici "A"** datata 31 ta' Ottubru 2002 li biha esebiet l-affidavits taghha u ta' **ommha "E"** datati 25 ta' Ottubru 2002 a fol 71 sa 76 tal-process u kopji ta' certifikati medici a fol. 76 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2002 fejn ma sar xejn quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea.

Rat in-nota tal-konvenut datata 2 ta' Dicembru 2002 a fol 79 tal-process li permezz taghha jirriserva l-kontro-ezami ta' l-attrici u ta' "E".

Rat il-verbali tal-21 ta' Jannar 2003 u tat-28 ta' Jannar 2003 a fol 82 tal-process fejn il-Qorti ordnat li tinzamm seduta ghall-konkluzjoni tal-provi attrici. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut ta' erbghin (40) gurnata li t-terminu tieghu jibda jghaddi mit-13 ta' Frar 2003 u l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex izzomm tliet seduti fil-mori tad-differiment. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-4 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbali tas-seduta ta' l-Assistent Gudizzjarju u dokument "MB1" tat-13 ta' Frar 2003 a fol 87 sa 96 tal-process fejn **xehdu s-Sur Gambina** rapprezentant tal-BOV plc debitament ingunt mill-attrici, **Vanessa Camilleri** rapprezentanta tal-Lombard Bank plc**; Edmond Fenech** rapprezentant tal-HSBC u **l-konvenut "B";** u tat-18 ta' Marzu 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 20 ta' Marzu 2003 a fol 99 tal-process fejn talbet ezenzjoni mis-sigriet professjonali tal-banek; il-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2003 a fol 101 tal-process u ezentat l-istess xhud mis-sigriet professjonali b'dan li tali xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri tal-partijiet lill-Perit Legali u/jew lill-Assistent Gudizzjarju u lill-Qorti.

Rat il-verbal u d-dokumenti pprezentati fis-seduta ta' l-Assistent Gudizzjarju tal-24 ta' April 2003 a fol 104 sa 144 tal-process fejn xehdu **l-Prokuratur Legali Johnathan de Maria** in rapprezentenza tal-HSBC Bank Malta plc; **Vanessa Camilleri** in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta plc; **is-Sur Paul Gambina** in rapprezentanza tal-BOV plc u l-**attrici "A".**

Rat in-nota **tal-konvenut "B"** tat-30 ta' Mejju 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu Dok "CD1" a fol 145 sa 149 tal-process.

Rat il-verbal u d-dokumenti pprezentati fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea tat-2 ta' Gunju 2003 a fol 151 sa 178 tal-process fejn xehdu **Catherine Fenech** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc ingunta mill-istess attrici; u l-**attrici "A"** in kontro-ezami.

Rat il-verbal tal-4 ta' Gunju 2003 a fol 179 tal-process fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa l-ahhar seduta. Dr. Lorraine Schembri Orland iddikjarat li giet notifikata bl-affidavit tal-konvenut u l-kawza giet differita ghat-28 ta' Ottubru 2003 ghall-finali trattazzjoni.

Rat in-notamenti tal-Assistent Gudizzjarju a fol 180 tal-process.

Rat is-seduta tal-4 ta' Lulju 2003 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u d-dokument hemm esebit (fol 183 sa 197 tal-process), fejn xehdu **is-Sur "D"** in kontro-ezami; **Saviour Micallef** in rapprezentanza tal-BOV prodott mill-konvenut; **Catherine Fenech** in rapprezentanza tal-HSBC plc; **"E"** in kontro-ezami mill-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-25 ta' Lulju 2003 fejn xehdu **Vanessa Camilleri** in rapprezentanza ta' Lombard Bank plc prodotta mill-konvenut: il-**konvenut "B"** in kontro-ezami u **"F";** u tal-24 ta' Ottubru 2003 fejn **xehed s-Sur Paul Gambina** in rapprezentanza tal-BOV plc u d-dokument esebit a fol. 214 tal-process.

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru 2003 fejn Dr Schembri Orland informat lill-Qorti li l-provi kellhom jinghalqu fl-ahhar seduta t'Ottubru. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota t'osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u ippreffiggiet terminu ta' hamsin (50) jum lill-attrici bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha hamsin (50) jum biex tirrispondi. il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 7 ta' Mejju 2004 a fol 217 tal-process fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u fil-mori tinnomina Perit Tekniku biex jaccedi

fuq il-post imsemmi u jaghmel stima ta’ l-istess bini. Il-Qorti tat id-digriet taghha fl-10 ta’ Mejju 2004 u ordnat n-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut ***“B”*** tal-21 ta’ Mejju 2004 a fol 220 tal-process u d-digriet tal-25 ta’ Mejju 2004 fejn l-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Mario Cassar biex jaghmel stima tal-fond indikat, b’dan li l-konvenut inghata zmien ta’ ghaxar (10) t’ijiem biex jipprezenta nota dwar l-allegati spejjez li allega li inkorra sabiex il-post ma jizdingax ruhu, u l-Perit Tekniku jistabbilixxi l-ammont ta’ tali spejjez, bir-relazzjoni a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. Il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-25 ta’ April 2005 ta’ l-attrici a fol 224 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex tirrikjama l-kaz premess ghall-data vicina. Il-Qorti tat id-digriet taghha fis-26 ta’ April 2005 fejn ordnat lill-attrici tipprezenta nota t’osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu u li jkollu ghoxrin (20) gurnata ghan-nota responsiva dejjem jekk tali terminu ta’ noti mhux gja gew moghtija. Il-Qorti ordnat ukoll n-notifika ta’ dan id-digriet lill-kontro-parti jew difensur tieghu.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ ***“A”*** datata 13 ta’ Mejju 2005 a fol 227 sa 232 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 31 ta’ Mejju 2005 a fol 234 sa 245 tal-process li permezz taghha esebixxa nota t’osservazzjonijiet.

Rat il-verbali tat-30 ta’ Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport tekniku ghas-27 ta’ Ottubru 2004; tas-27 ta’ Ottubru 2004 fejn b’ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghall-10 ta’ Marzu 2005 u tal-10 ta’ Marzu 2005 fejn deher il-**Perit Tekniku Mario Cassar li halef ir-rapport** u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghat-18 ta’ Ottubru 2005.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 19 ta’ Ottubru 2005 fejn talbet biex tirriverti ghall-kunjom xbubita mas-separazzjoni

personali. Il-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha tal-20 ta' Ottunru 2005 fis-sens li tipprovdi dwar l-istess fis-sentenza, jekk ikun il-kaz.

Rat il-verbal tat-18 ta' Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett' ostacolo* ghat-30 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Settembru tal-1996 izda jidher li l-istess konvivenza taghhom kienet karatterizzata minn konflitti kontinwi u jirrizulta wkoll li l-istess attrici telqet mid-dar konjugali fis-6 ta' Frar 1998, u minn dak in-nhar sallum jidher li l-istess konvenut baqa' jghix fl-istess dar bl-isem "XYZ", li giet akkwistata miz-zewg partijiet permezz ta' kuntratt pubbliku datat 24 ta' Lulju 1992 esebit bhala Dok. "AB" a fol. 32 tal-process.

Illi bhal ma' jsir f'hafna mill-kawzi ta' separazzjoni, f'din il-kawza wkoll kull parti qed twahhal fil-parti l-ohra li hija kienet il-kawza taz-zwieg. Fil-fatt l-azzjoni attrici hija bbazata fuq il-pretiza li l-konvenut kien responsabbli ghal din il-firda minhabba minaccji, sevizzi, eccessi, ngurji gravi u swat da parti tal-konvenut fil-konfront taghha u li kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabbilment. Il-konvenut ma jaqbel xejn ma' dan u jghid li z-zwieg tkisser ghaliex l-attrici arbitrarjment u kapriccosament abbandunat id-dar konjugali u baqghet ma ridetx tmur id-dar minkejja li l-konvenut baqa' jinsisti li ghandha taghmel dan.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa u akkuratament il-provi kollha prodotti f'din il-kawza u thoss li gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi l-allegazzjonijiet kollha ta' l-attrici u dan kemm peress li x-xhieda ta' l-attrici hija iktar verosimili u kif ukoll ghaliex ix-xhieda taghha giet ikkorroborata minn xhieda u dokumenti prodotti f'din il-kawza nkluzi x-xhieda

tal-genituri taghha, u rapporti tal-Pulizija esebiti u wkoll sahanistra minn xhieda ta' l-istess konvenut, li f'certu brani tax-xhieda tieghu jammetti li kien jinsulenta u jhedded lill-attrici u anke jammetti li refa' jdejh fuqha, ghalkemm jallega li dan ghamlu sabiex skond huwa jiddefendi ruhhu jew inkella ghaliex gie pprovokat – allegazzjonijiet *da parte* tal-konvenut li fl-opinjoni ta' din il-Qorti bl-ebda mod ma gew ippruvati.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li l-attrici ppruvat l-allegazzjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut u dan fis-sens li l-istess konvenut kien kontinwament jaggredixxi lill-martu u wkoll kien jerfa' jdejh fuqha ma' kull argument li kien ikollhom, tant li din il-Qorti thoss li l-attrici kienet vittma ta' vjolenza domestika, ghaliex giet sottomessa ghall-swat fiziku, whud minnu gravi sew, u ta' theddid u ta' eccessi u sevizzi u ngurji gravi; dwar il-mod abbussiv li l-konvenut kien jittratta lill-attrici hemm ic-certifikati medici esebiti (a fol. 76), u wkoll il-korroborazzjoni tal-genituri ta' l-attrici, ***"E"*** u ***"D",*** u dan jinsab ukoll konfermat mir-rapporti li kienu saru lill-Pulizija u partikolarment dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' WPC Anna Maria Micallef li kkonfermat ir-rapport li sar fit-12 ta' Frar 1998 u r-rapport innifsu esebit bhala Dok. "AM1". F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li versjoni tal-konvenut li l-incidenti ta' vjolenza kienu isolati u x-xhieda ta' l-attrici hija esegerata ma hijiex qed tigi accettata u dan peress li ma hijiex kredibbli; anzi din il-Qorti thoss li l-assjem tal-provi juru li l-attrici kienet kostretta tissubixxi hajja ta' swat fiziku u mentali u dan waqaf biss meta kienet kostretta titlaq mid-dar, u x-xhieda ta' l-istess konvenut tikkonferma l-istat vjolenti li din il-koppja kienet tghix fih u wkoll f'certu sens hija ammissjoni tal-vjolenza li kien prattika fuq l-attrici.

Illi din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tieghu stess fl-affidavit tal-14 ta' Marzu 2003 fejn a fol. 142 jghid hekk:-

*"Dwar il-vjolenza, nghid li ghalkemm kien hemm incidenti fejn l-argumenti sahnu zzejjed m'huwiex il-kaz illi jien kont inkun vjolenti fil-konfront ta' l-attrici ghall-kull haga ta' xejn. Jien kont nipprova nevita illi l-argumenti jaslu sa' dak il-punt izda hafna drabi l-attrici, flok tipprova tirranga u*

*tikkalma s-sitwazzjoni kienet izzid il-provokazzjonijiet biex titlifli rasi u l-inkwiet kien izid flok jonqos………..Huwa veru li xi kultant kont inzommha minn idejha b'certu sahha u forsi kkawzajt tbengil, izda jiena kont inkun qed niddefendi ruhi mill-grif li l-attrici kienet ripettutament taghmilli……".*

Illi din il-Qorti thoss li dak li gie ppruvat huwa l-versjoni ta' l-attrici li ssemmi sensiela ta' incidenti li fiha giet attakata fizikament u l-genituri taghha jikkonfermaw li binthom kienet gie abbuzata b'dan il-mod u li kienet ukoll imbezza minn zewgha, kif jidher li kienu wkoll il-genituri ta' l-attrici stess u din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-provi ndikati mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet, li l-Qorti vverifikat li kienu korretti u ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni talba l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess peress li jirrizulta li l-attrici ghandha l-introjtu taghha u l-konvenut ghandu l-introjtu tieghu u ghalhekk mhux il-kaz li llum il-Qorti taghti decizjoni fuq l-istess.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti tordna x-xoljiment ta' l-istess b'effett mid-data ta' din is-sentenza u jinghad li kemm ghall-likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess u kif ukoll ghall-immobbli li l-istess kontendenti ghandhom in komun (peress li l-fond gie akkwistat minnhom it-tnejn qabel iz-zwieg permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 24 ta' Lulju 1992), din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz, minhabba dak premess, u *artbitro boni viri,* tordna li l-istess fond "XYZ" (tal-valur ta' hamsa u hamsin elf Lira Maltija (Lm55,000) skond stima tal-perit tekniku Mario Cassar datata 2 ta' Lulju 2004) ghandu jinbiegh *in subbasta* u mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel il-konvenut jiehu s-somma ta' Lm6,825 u minn naha taghha l-attrici tiehu s-somma ta' Lm3,675 u dan bhala ammont ta' flus li l-partijiet hargu anke minhabba dak indikat bhala spejjez inkorsi rispettivament fl-istess kuntratt, u wara li l-istess partijiet jiehdu l-istess sommom hawn imsemmija l-bilanc mir-rikavat tal-bejgh *in subbasta* jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet; sabiex isehh tali bejgh din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u

perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jizgombra mill-istess immobbli b’dan li sakemm jinbiegh l-istess fond hadd mill-partijiet ma ghandu jghix fl-istess fond immobbli, u l-konvenut ghandu fl-istess terminu jikkonsenja koppja tac-cwievet ta’ l-istess fond lill-attrici ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza. L-ispejjez l-ohra pretizi mill-attrici mhux qed jigu ikkonsidrati uterjorment *stante* li *in vista* ta’ dak hawn provdut u r-rinunzja ghalihom *da parte* ta’ l-attrici kif kontenuta fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha f’paragrafu 21 ta’ l-istess, li ghaliha qed issir riferenza minn din il-Qorti.

Illi l-mobbli fl-istess fond qed jigu assenjati lill-konvenut b’dan pero’ li l-istess attrici ghandha tinghata kumpens iffissat *arbitro boni viri* ghall-mobbli li gew mixtrija minnha u li jinsabu indikati wkoll fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha u li l-allegazzjoni dwarhom giet ippruvata anke permezz ta’ dokementi esebiti, u dan fl-ammont ta’ disa’ mitt lira Maltija (Lm900), oggetti li fil-fatt baqghu jigu utillizati mill-konvenut u ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-istess ammont ta’ disa’ mitt lira Maltija (Lm900) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament

Illi dwar id-depositi bankarji jirrizulta li kien hemm BOV savings account numru 400 120 2689 fl-ammont ta’ *2000 Euros* u din il-Qorti tordna li dan jinqasam bejn iz-zewg partijiet (Dok. “PC 4”) u dan fis-sens li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici sehemha ta’ elf (1000 euro); dwar il-kont BOV *Fixed deposit* Numru 400 1101 390 – 7 li kien fih Lm4,602 fid-29 ta’ Ottubru 2001 u llum baqa’ Lm2,500, peress li l-ammonti l-ohra gew zbankati mill-konvenut u ghalhekk minn dan il-kont l-attrici ghandha tiehu s-somma ta’ Lm2,301 u r-rimanenti bilanc qed jigi assenjat lill-konvenut; dwar *Savings Account* 400 116 03553 (Dok. “PC 3”) li fis-7 ta’ Jannar 2003 kellu l-ammont ta’ Lm1,876,48 u tali ammont u kull ammont bilancjali mill-istess kont ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet; u fl-ahharnett dwar l-kont *savings account* nurmu 172 – 1593101 2 dan ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti tassenja t-truck  Reg. No. LAG – 016 lill-konvenut b’dan li l-istess konvenut jibqa’ responsabbli ghal kull dejn li hemm mal-bank fuq l-istess trakk mal-bank jew banek jew ma’ terzi persuni, u b’dan wkoll li l-istess konvenut qed jigi ordnat sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala l-valur ta’ sehemha mill-istess, tali ammont iffissat *arbitro boni viri* u dan bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

Illi ghall-kumplament kull parti ghandha zzomm dawk l-effetti mobbli kollha li attwalment jinsabu fil-pussess taghha jew tieghu u kull pretensjoni ulterjuri minn xi parti qed tigi hawn respinta.

Illi fl-ahharnett tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** biss fejn l-istess huma konformi ma’ dak hawn specifikatament deciz.

**III.   KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak fuq deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba peress li l-attrici ghandha llum introjtu taghha, tilqa’ t-talba attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1.  Tippronunzja  s-separazzjoni personali *‘a menso et thoro’*, bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut u senjatament minhabba minacci, sevizzi,eccessi u ingurji gravi da parti tieghu u peress illi z-zwieg tkiser irremedjabbilment *in subsidium*;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba peress li l-attrici ghandha llum l-introjtu taghha.

3 u 4. Tilqa’ t-tielet u r-raba’ talba attrici b’dan li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti u b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-istess komunjoni

ta’ l-akkwisti u kif ukoll ghall-immobbli li l-istess kontendenti ghandhom in komun bejniethom (peress li l-fond “XYZ” gie akkwistat mill-partijiet qabel iz-zwieg permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 24 ta’ Lulju 1992), u dwar kull pretensjoni ta’ beni parafernali, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz, u minhabba dak hawn premess, u *arbitro boni viri,* tordna li l-istess fond “XYZ” ghandhu jinbiegh *in subbasta* u mir-rikavat ta’ l-istess l-ewwel il-konvenut jiehu s-somma ta’ sitt elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm6,825) u min-naha taghha l-attrici tiehu s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm3,675) u wara li l-istess partijiet jiehdu l-istess somom hawn imsemmija, l-bilanc mir-rikavat tal-bejgh *in subbasta* jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;

Illi din il-Qorti sakemm issir tali bejgh *in subbasta* tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jizgombra mill-istess immobbli b’dan li sakemm jinbiegh l-istess fond hadd mill-partijiet ma ghandu jghix fl-istess fond immobbli, u l-konvenut ghandu fl-istess terminu jikkonsenja kopja tac-cwievet ta’ l-istess fond lill-attrici fi zmien ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi l-mobbli fl-istess fond qed jigu assenjati lill-konvenut b’dan pero’ li l-istess attrici ghandha tinghata kumpens iffissat *arbitro boni viri* kif fuq indikat fl-ammont ta’ disa’ mitt lira Maltija (Lm900), u ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lil-attrici l-istess ammont ta’ disa’ mitt lira Maltija (Lm900) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament

Illi dwar id-depositi bankarji din il-Qorti tordna li fir-rigward ta’ BOV *savings account* numru 400 120 2689 li kellu fih l-ammont ta’ *2000 Euros* dan l-ammont ta’ elfejn euro ghandu jinqasam bejn iz-zewg partijiet (Dok. “PC 4”) u ghalhekk dan fis-sens li l-konvenut ghandhu jhallas lill-attrici sehma ta’ elf euro (1000 euro); fir-rigward ta’ BOV *Fixed deposit* Numru 400 1101 390 – 7 li kien fih erbat elef, sitt mija u zewg liri maltija (Lm4,602) fid-29 ta’ Ottubru 2001 u llum baqa’ elfejn u hames mitt lira maltija

(Lm2,500), peress li l-ammonti l-ohra gew zbankati mill-konvenut u ghalhekk minn dan il-kont l-attrici ghandha tiehu s-somma ta' elfejn, tliet mija u lira liri maltin (Lm2,301) u r-rimanenti bilanc mill-istess kont qed jigi assenjat lill-konvenut; dwar *Savings Account* 400 116 03553 (Dok. "PC 3") li fis-7 ta' Jannar 2003 kellu l-ammont ta' elf, tmin mija u sitta u sebghejn liri maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1.876,48) din il-Qorti tordna li tali kont u ammont, u kull ammont bilancjali mill-istess kont ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet; u fl-ahharnett dwar l-kont *saving account* numru 172 – 1593101 2 dan ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tassenja t-truck Reg. No. LAG – 016 lill-konvenut b'dan li l-istess konvenut jibqa' responsabbli esklussivament ghal kull dejn li hemm mal-bank fuq l-istess trakk mal-bank jew banek jew ma' terzi persuni, u b'dan wkoll li l-istess konvenut qed jigi ordnat sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala l-valur ta' sehemha mill-istess, tali ammont iffissat *arbitro boni viri* u dan bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

Illi ghall-kumplament kull parti ghandha zzomm dawk l-effetti mobbli kollha li attwalment jinsabu fil-pussess taghha jew tieghu u kull pretensjoni ulterjuri minn xi parti qed tigi hawn respinta.

Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** biss fejn l-istess huma konformi ma' dak hawn specifikatament deciz.

5. Tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta bir-rikors taghha datat 19 ta' Ottubru 2005 u tawtorizzaha sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubita b'effett tad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali ddikjarata b'din is-sentenza u b'effett mid-data ta' l-istess sentenza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------